Ġabra tal-ġurisprudenza

# DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

7 ta' Settembru 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni – Rabta suffiċjenti – Assenza – Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja"

Fil-Kawżi magħquda C-177/17 u C-178/17,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali għall-Piemonte, l-Italja), permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tal-11 ta' Jannar 2017, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' April 2017, fil-proċeduri

**Demarchi Gino Sas** (C-177/17),

**Graziano Garavaldi** (C-178/17)

vs

**Ministero della Giustizia,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn A. Prechal, President tal-Awla, A. Rosas (Relatur) u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

**wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża permezz ta' digriet immotivat, konformement mal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, tagħti l-preżenti Digriet**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 47(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), moqri fid-dawl tal-Artikoli 67, 81 u 82 TFUE.

2 Dawn it-talbiet ġew ippreżentati fil-kuntest ta' kawżi bejn, rispettivament, Demarchi Gino Sas u Graziano Garavaldi mal-Ministero della Giustizia (ministeru għall-ġustizzja, l-Italja), fir-rigward tal-ħlas ta' somom dovuti minn dan tal-aħħar, bħala kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv tal-proċeduri ġudizzjarji.

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

**Id-dritt Taljan**

3 Mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li skont l-Artikolu 2 tal-Legge n. 89 – Previsione di equa riparazione in caso di violazione del termine ragionevole del processo e modifica dell'articolo 375 del codice di procedura civile (Liġi Nru 89, dwar id-dritt għal kumpens ekwu f'każ ta' ksur tat-tul raġonevoli ta' proċedura ġudizzjarja u emenda għall-Artikolu 375 tal-kodiċi ta' proċedura ċivili) tal-24 ta' Marzu 2001 (GURI Nru 78, tat-3 ta' April 2001, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 89/2001"), il-parti li tkun sofriet dannu patrimonjali jew mhux patrimonjali, minħabba t-tul mhux raġonevoli tal-proċedura, għandha dritt għal "kumpens ekwu", fil-kundizzjonijiet u l-miżuri ffissati minn din il-liġi.

4 L-Artikolu 3 ta' din il-liġi jipprevedi li t-talba għal kumpens għandha tkun imressqa quddiem il-President tal-Corte d'appello (qorti tal-appell, l-Italja) fil-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-ewwel istanza li quddiemha nstemgħat il-proċedura li t-tul tagħha huwa meqjus bħala eċċessiv.

5 Il-Legge n. 208 – Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (Liġi Nru 208, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-formazzjoni tal-baġit annwali u pluriannwali tal-Istat), tat-28 ta' Diċembru 2015 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 302, tat-30 ta' Diċembru 2015), li temenda l-Liġi Nru 89/2001. B'mod partikolari, f'din il-liġi hemm inkluż, Artikolu 5e, li jaqra kif ġej:

"1. Sabiex wieħed jirċievi s-somom imħallsa taħt din il-liġi, il-kreditur għandu jindirizza lill-amministrazzjoni debitriċi dikjarazzjoni [...] li tattesta n-nuqqas ta' rkupru tas-somom għal dan il-għan, l-eżerċizzju ta' azzjonijiet ġuridiċi għall-istess kreditu, l-ammont tas-somom li l-amministrazzjoni għad għandha tħallas, il-metodu ta' rkupru magħżul skont il-paragrafu 9 ta' dan l-artikolu, u jittrażmetti d-dokumentazzjoni neċessarja taħt id-digrieti msemmija fil-paragrafu 3.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 hija valida għal sitt xhur u trid tiġġedded fuq talba tal-amministrazzjoni pubblika.

3. Il-mudelli għad-dikjarazzjoni u d-dokumentazzjoni li għandha tiġi trażmessa lill-amministrazzjoni debitriċi taħt il-paragrafu 1 iċċitat iktar 'il fuq huma approvati permezz ta' digrieti tal-ministeru għall-ekonomija u għall-finanzi u tal-ministeru għall-ġustizzja, li għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ottubru 2016. L-amministrazzjonijiet jippubblikaw fuq is-siti istituzzjonali tagħhom il-formoli msemmija fis-sentenza preċedenti.

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' trażmissjoni jew ta' trażmissjoni mhux kompluta jew irregolari tad-dikjarazzjoni jew tad-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti, l-ordni ta' ħlas ma jistax jinħareġ.

5. L-amministrazzjoni tagħmel il-ħlas fi żmien sitt xhur mid-data meta l-obbligi msemmija fil-paragrafi preċedenti huma kollha kemm huma ssodisfatti. Dan it-terminu jibda jiddekorri fil-każ ta' nuqqas ta' trażmissjoni, jew ta' trażmissjoni mhux kompluta jew irregolari tad-dikjarazzjoni jew tad-dokumentazzjoni msemmija fil-paragrafi preċedenti.

[...]

7. Qabel l-iskadenza tat-terminu msemmi fil-paragrafu 5, il-kredituri ma jistgħux jipproċedu għall-eżekuzzjoni forzata, għan-notifika tal-ordni ta' ħlas u lanqas iressqu proċedura għat-talba għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

[...]"

## Il-fatti fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

6 Demarchi Gino Sas u G. Garavaldi pparteċipaw, bħala kredituri, f'żewġ proċeduri distinti ta' falliment, li seħħew, rispettivament, quddiem it-Tribunale di Genova (qorti ta' Genova, l-Italja) u t-Tribunale di La Spezia (qorti ta' La Spezia, l-Italja).

7 Peress li dawn il-proċeduri damu għal tul eċċessiv ta' żmien, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw, quddiem il-Corte d'appello di Torino (qorti tal-appell ta' Torino, l-Italja), rikors intiż, abbażi tal-Liġi Nru 89/2001, għall-ksib ta' kumpens għad-dannu subit.

8 Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet, il-Corte d'appello di Torino (qorti tal-appell ta' Torino) rrikonoxxiet id-dritt tar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali għal kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv tal-proċeduri ġudizzjarji li fihom huma kienu pparteċipaw, u kkundannat lill-ministeru għall-ġustizzja għall-ħlas tal-ammonti li hija ffissat.

9 Wara li stennew, għalxejn, il-ħlas b'mod spontanju, mill-amministrazzjoni kkonċernata, tal-imsemmija ammonti, ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali ppreżentaw rikors quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali għall-Piemonte, l-Italja), irregolat mill-Artikoli 112 *et seq* tad-decreto legislativo n. 104 – Codice del processo amministrativo (Digriet Leġiżlattiv Nru 104, dwar il-kodiċi ta' proċedura amministrattiva), tat-2 ta' Lulju 2010 (suppliment ordinarju għall-GURI Nru 156, tas-7 ta' Lulju 2010), intiż għall-ksib mingħand il-qorti amministrattiva tal-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' sentenza li saret *res judicata* imposti fuq amministrazzjoni pubblika.

10 Jirriżulta mid-deċiżjonijiet tar-rinviju li, filwaqt li ppreżentaw dawn ir-rikorsi wara d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ma kinux issodisfaw, minn qabel, l-obbligi previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u li, għalhekk, il-qorti tar-rinviju kellha tiddikjara r-rikorsi tagħhom bħala inammissibbli.

11 Fil-fatt, din il-qorti tiddikjara li l-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kreditur tal-kumpens ekwu ma jkun jista' jieħu ebda azzjoni ġudizzjarja sabiex jirkupra dan il-kumpens jekk ma jkunx issodisfa, minn qabel, il-formalitajiet kollha previsti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u jekk terminu ta' mill-inqas sitt xhur ma jkunx skada mid-data li fiha dawn il-formalitajiet ikunu ġew issodisfatti.

12 F'dan ir-rigward, din il-qorti tirrileva li d-dispożizzjoni inkwistjoni, minn naħa, tqiegħed serje ta' obbligi li għandhom jiġu ssodisfatti mill-kreditur tal-kumpens ekwu, inkluż, b'mod partikolari, li tagħmel dikjarazzjoni ta' kontenut kumpless, li tikkostitwixxi kundizzjoni imperattiva għall-kisba tal-ħlas tal-kumpens li ġie ffissat, u min-naħa l-oħra, ittawwal b'mod sinjifikattiv it-terminu li fih l-Istat għandu joħroġ il-mandat ta' ħlas.

13 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001 iċaħħad lill-kreditur mid-dritt li jinvoka, sussegwentement, il-kumpens ekwu għad-dannu subit minħabba fid-dewmien fil-ħlas tal-kumpens dovut.

14 Din il-qorti tistaqsi, għaldaqstant, dwar jekk l-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001 jiksirx id-drittijiet stabbiliti fl-Artikolu 47(2) tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikoli 67, 81 u 82 TFUE.

15 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-Tribunale amministrattivo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali għall-Piemonte) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja, f'kull kawża prinċipali, id-domanda preliminari segwenti:

"Il-prinċipju li kull persuna għandha dritt li l-kawża tagħha tinstema' f'terminu raġonevoli minn qorti imparzjali, sanċit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u

tal-Libertajiet Fundamentali, liema prinċipju ġie riprodott mid-dritt tal-Unjoni fl-Artikolu 6(3) TUE, moqri flimkien mal-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 67 TFUE, li jistabbilixxi li l-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi spazju komuni ta' ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali, kif ukoll tal-prinċipju li jirriżulta mill-Artikoli 81 u 82 TFUE, li skontu l-Unjoni, fl-oqsma tad-dritt ċivili u kriminali li għandhom effett transkonfinali, għandha tizviluppa koperazzjoni ġudizzjarja bbażata fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal-leġizlazzjoni Taljana li tinsab fl-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001, li tobbliga lill-persuni li jkunu diġà ġew rikonoxxuti bħala kredituri, fir-rigward tal-Istat Taljan, ta' somom dovuti bħala "kumpens ekwu" minħabba t-tul mhux raġonevoli ta' proċeduri ġudizzjarji, li jissodisfaw serje ta' obbligi bil-għan li jiksbu l-ħlas, kif ukoll li jistennew id-dekors ta' terminu indikat fl-Artikolu 5e(5) tal-Liġi Nru 89/2001 iċċitata iktar 'il fuq, mingħajr ma jkunu jistgħu, fil-frattemp jistitwixxu proċeduri ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni u mingħajr imbagħad ma jkunu jistgħu jitolbu kumpens għad-danni kkawżati mid-dewmien fil-ħlas, u dan anki fil-każ li l-"kumpens ekwu" jkun ġie rrikonoxxut minħabba t-tul mhux raġonevoli ta' proċedura ċivili bl-implikazzjonijiet transkonfinali jew, fi kwalunkwe każ, f'qasam li jaqa' taħt il-kompetenzi tal-Unjoni u/jew f'qasam li fir-rigward tiegħu l-Unjoni tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji?"

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

16 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 47(2) tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikoli 67, 81 u 82 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teħtieġ minn persuni li sostnew dannu minħabba t-tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja dwar kwistjoni li taqa' fi ħdan il-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja li jwettqu sensiela ta' operazzjonijiet amministrattivi kumplessi għall-ksib tal-ħlas tal-kumpens ekwu li l-Istat kien ikkundannat li jħallas lilhom, mingħajr ma sadanittant ikunu jistgħu jressqu kawża għall-eżekuzzjoni u sabiex, permezz ta' din jitolbu, il-kumpens għad-dannu kkawżat mid-dewmien għal dan il-ħlas.

17 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 51(1) tal-Karta jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' dan jindirizzaw lill-Istati Membri biss fil-każ fejn jimplementaw id-dritt tal-Unjoni. L-Artikolu 6(1) TUE, l-istess bħall-Artikolu 51(2) tal-Karta, jippreċiża li d-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar ma għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi tal-Unjoni hekk kif iddefiniti mit-Trattati (ara d-digrieti tal-14 ta' April 2016, Târșia, C-328/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:273, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Novembru 2016, Pardue, C-321/16, mhux ippubblikat, EU:C:2016:871, punt 18).

18 Fil-fatt, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-drittijiet fundamentali ggarantiti fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, iżda mhux barra minn tali sitwazzjonijiet. Huwa minħabba f'hekk li l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hija ma tistax tevalwa, fir-rigward tal-Karta, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tifformax parti mill-qafas tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson, C-617/10, EU:C:2013:105, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata; tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 21, kif ukoll tat-8 ta' Diċembru 2016, Eurosaneamientos *et*, C-532/15 u C-538/15, EU:C:2016:932, punt 52).

19 Jeħtieġ li jitfakkar li l-kunċett ta' "implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, jeħtieġ l-eżistenza ta' rabta ta' ċertu grad, li tmur lil hinn mill-affinità bejn l-oqsma meħuda inkunsiderazzjoni jew l-effetti indiretti ta' qasam fuq l-ieħor (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2016, Paoletti *et*, C-218/15, EU:C:2016:748, punt 14 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

20 Sabiex jiġi ddeterminat jekk leġiżlazzjoni nazzjonali taqax taħt l-implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta, hemm lok li jiġi vverifikat, fost elementi oħra, jekk hija għandhiex bħala għan li timplementa dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, in-natura ta' din il-leġiżlazzjoni u jekk

hija ssegwix għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dritt tal-Unjoni, anki jekk hija tista' taffettwa indirettament lil din tal-aħħar, kif ukoll, jekk teżistix leġiżlazzjoni tad-dritt tal-Unjoni speċifika fil-qasam jew li tista' taffettwah (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-10 ta' Lulju 2014, Julián Hernández *et*, C-198/13, EU:C:2014:2055, punt 37).

21 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet għall-inapplikabbiltà tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni ma' leġiżlazzjoni nazzjonali minħabba l-fatt li d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat ma kienu jimponu ebda obbligu fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali (sentenza tas-6 ta' Marzu 2014, Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

22 F'dan il-każ, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet tar-rinviju, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tikkonċerna l-proċedura ta' rkupru tas-somom dovuti mill-Istat, bħala kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja, prevista fl-Artikolu 5e tal-Liġi Nru 89/2001.

23 Il-qorti tar-rinviju tispjega li, għalkemm il-Liġi Nru 89/2001 ma tistax titqies bħala miżura meħuda skont l-Artikoli 81 u 82 TFUE, jew taħt regolament jew direttiva speċifika, hija tiggarantixxi, billi tfittex l-għan ta' kontroll tat-tul ta' kull proċedura ġudizzjarja, il-funzjonament tajjeb taż-żona ta' ġustizzja tal-Unjoni, billi tevita li tneħħi, permezz tat-tul mhux raġonevoli tal-proċeduri ġudizzjarji, il-bżonn tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet fil-ġustizzja li fuqhom hija bbażata l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali.

24 Din il-qorti enfasizzat ukoll li, fil-kawżi prinċipali, il-proċeduri li t-tul eċċessiv tagħhom wassal għall-kundanna tal-Istat huma proċeduri ta' falliment, li għalhekk jaqgħu f'qasam li fih l-Unjoni diġà eżerċitat il-kompetenza tagħha bl-adozzjoni ta' numru ta' atti, li fosthom jinkludu, b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19).

25 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE msemmija mill-qorti tar-rinviju, ma jimponux fuq l-Istati Membri obbligi speċifiċi dwar l-irkupru ta' somom dovuti mill-Istat, bħala kumpens ekwu, minħabba t-tul eċċessiv ta' proċedura ġudizzjarja u li, fl-istat attwali, id-dritt tal-Unjoni ma fih l-ebda leġiżlazzjoni speċifika dwar il-kwistjoni.

26 Għaldaqstant, huwa ċar li f'dan il-każ ma hemm l-ebda element sabiex wieħed jikkunsidra li l-Liġi Nru 89/2001, li hija ta' natura ġenerali, għandha l-għan li timplementa dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tagħmel parti mill-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, u li anki jekk din il-liġi x'aktarx taffettwa indirettament l-operazzjoni taż-żona tal-ġustizzja fl-Unjoni, tfittex li tilħaq għanijiet differenti minn dawk koperti mid-dispożizzjonijiet iċċitati fid-deċiżjonijiet tar-rinviju.

27 Barra minn hekk, ma jirriżultax mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-proċeduri ta' falliment inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament 2015/848, li jiddefinixxi qafas legali għall-proċeduri ta' falliment transkonfinali li b'mod partikolari jirregolaw id-domandi marbuta mal-ġurisdizzjoni, mar-rikonoxximent tal-proċeduri ta' falliment u mal-liġi applikabbli.

28 Minn dan jirriżulta li ebda element ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-kawża prinċipali tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni differenti minn dawk li jidhru fil-Karta. Issa, peress li sitwazzjoni legali ma tkunx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwarha u d-dispożizzjonijiet tal-Karta eventwalment invokati ma jistgħux, fihom infushom, jistabbilixxu dik il-ġurisdizzjoni (digriet tat-18 ta' Frar 2016, Rîpanu, C-407/15, mhux ippubblikat, EU:C:2016:167, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat, abbażi tal-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li din tal-aħħar manifestament ma għandhiex il-kompetenza sabiex tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali għall-Piemonte).

**Fuq l-ispejjeż**

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tordna:

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex il-kompetenza sabiex tirrispondi għad-domanda preliminari magħmula mit-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali għall-Piemonte, l-Italja), permezz tad-deċiżjonijiet tal-11 ta' Jannar 2017.**

Firem